MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-4 ta' Jannar, 2010

Numru 20000/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Ali Mohammed Alberegli**

Il-Qorti:

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imputat Ali Mohamed Alberegli u cioe' talli fit-3 ta' Jannar, 2010;

a) kellu fil-pussess tieghu r-raza mehudha mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta'Malta.

b) irrifjuta jghati, jew ta' falz, lill-ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu kunjomu, fejn

joqghod u partikularitajiet ohra u dan bi ksur ta' l-artikolu 338(g) tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tas-subartikolu (2) tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta tal-4 ta' Jannar, 2010.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta  tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali nadifa tal-imputat u l-koperazzjoni tieghu mal-ufficjali tal-pulizija.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 8(a)_ tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 338(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-imputat bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberta kondizzjonata.

Il-Qorti tordna lir-Registratur tal-Qorti jiddistruggi d-droga elevata u esebita fl-atti bhala Dok E.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------